**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Novembru 2022**

Rikors Numru: 387/22 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 960/2018)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom f'Malta fit-8 ta' Mejju 2018 (DOK A) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed, E D, illi twieled fl-14 ta' Mejju 2018;

2. Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' seprazzjoni ppubblikat nhar it-2 ta' Settembru 2020 fl-atti tan-nutar Maria Roberta Galea Mamo (DOK B);

3. Illi l-manteniment dovut mill-partijiet dejjem thallas u ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m' huiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

6. Illi l-esponenti qiegħda tannetti l-affidavit taghha, bil-Malti u bl-Ingliz, ma dan l att (DOK C1-C2), flimkien ma traduzzjoni ta' dan l-att bil-lingwa Ingliza stante illi hija ma titkellimx bil-lingwa Maltija (DOK D).

Talbet lill din il-Qorti sabiex:

1. A tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-esistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat ir-risposta tal-intimat a fol 15 li permezz taghha espona:

1. Illi fl-ewwel lok jinghad li mhux kontestat li l-partijiet izzewgu fit-8 ta’ Mejju 2018 u lanqas illi miz-zwieg taghhom twieled E fl-14 ta’ Mejju 2018;

2. Illi lanqas m’huwa kkontestat li huma sseparaw in atti tan-Nutar Maria Roberta Galea Mamo fit-2 ta’ Settembru 2020;

3. Illi l-esponenti jaqbel ukoll li l-ebda manteniment m'huwa dovut bejn il-kontendenti u jikkonferma li m'hemm l-ebda pendenzi fuq il-manteniment tal-minuri;

4. Illi l-esponent jaqbel ukoll ill m'ghad hgemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejnu u r-rikorrenti anke ghaliex lhom jghixu separate de facto ferm qabel minn meta' fattwalment sseparaw;

5. Illi l-esponenti ghaldaqstant, ma jopponix ghat-talba ghall-ottjeniment tad-divorzju, ghalkemm jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni.

Tant ghandu x' jissottometti l-esponent f'dan l-istadju, a savju gudizzju ta' din il-Qorti.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Settembru, 2022;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Settembru 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.